**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 15 ta` Settembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**ANTHONY ZAMMIT**

**Kump.Nru. 1048/2009**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Anthony Zammit** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 309579M, gie akkuzat :

1. talli nhar il-25 ta' Novembru 2008 u fil-gimghat ta' qabel din id-data f'diversi lokalitajiet madwar Malta b'qerq ftaht jew gieghelt li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b'qerq ghamilt xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunikajt jew ghamilt uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postal hekk miftuh u dan bi ksur tal-artikolu 74(1) tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli fl-istess data u cirkustanzi, bhala ufficjal ta’ operatur postali, agixxejt bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-dispozizzjoni tal-Artikolu 30, tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-7 ta` Ottubru 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 4);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa u mismugha f’dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Il-Kummissarju tal-Pulizija ntalab sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputat. Dan ghaliex, wara investigazzjoini nterna, rrizulta li l-imputat, bhala pustier, kien naqas li jqassam sitta u sittin ittra li kellhom jitqassmu propju fil-gurnata tal-24 ta` Novembru 2008. L-imputat inniffsu ma jikkontestax dan bhala fatt izda irrileva mill-bidu nett, sahansitra fl-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija (ara folio 16 ta` l-atti processwali) illi dak li ghamel ghamlu bhala reazzjoni wara li ma kienx qed jinghata widen ghall-ilmenti li kien qed jaghmel minhabba principalment pressjoni ta` xoghol. F’dan il-kuntest jghid ukoll li kien hemm xi dizgwid bejn il-Union u l-Maltapost minhabba l-hinijiet, overtime u kundizzjonijiet tax-xoghol in generali. Fi kliemu stess, l-imputat jghid “*nghid illi jien dawn is-66 ittra ma qassamtomx bhala qisu protesta ghax hadt ma kien qed jaghti kas tal-ilmenti u l-bzonnijiet taghna l-haddiema*.”

Kontra l-imputat inbdiet procedura ta` dixxiplina interna izda din giet sospiza minhabba dawn il-proceduri kriminali fil-Qorti. Ta min jinnota wkoll pero` illi l-imputat baqa u ghadu sa llum impjegat bhala pustier. Dan hu punt important u jimmerita

konsiderazzjoni ghaliex dan zgur ifisser li l-awtorita` kien ghad kellha fiducja fl-imputat u fis-servizz li kien ser jaghti.

**Ikkunsidrat**;

Irrizulta ampjament illi l-imputat kien impjegat bhala pustier. U mkien ma hu kkontestat li hu effettivament naqas li jqassam 66 ittra nhar l-24 ta` Novembru 2008.

Issa, fid-dawl tar-rizultanzi processwali kollha mehuda flimkien, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat ghandhux jinstab hati jew le taz-zewg imputazzjonijiet dedotti.

Ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni taht l-ewwel imputazzjoni, kollox jiddependi mill-element intenzjonali; irid jirrizulta illi l-persuna li tkun, bil-qerq, dewmet posta milli tigi mqassma. Fil-kaz ta` l-imputat, huwa car li huwa naqas milli jqassam numru ta` ittri. Dan zgur ma hux is-servizz li kull cittadin jippretendi minn pustier. Jista jinghad minghajr tlaqlieq, li l-imputat naqas fid-dmirijiet tieghu. Din kienet raguni bizzejjed biex fil-konfront tieghu saret investigazzjoni interna u ghandha tkun raguni sufficjenti bizzejjed biex ikun hemm konkluzjoni ghal tali investigazzjoni nterna. Madankollu, mhux kull azzjoni li ma tkunx xierqa, iggib maghha responsabbiltajiet taht il-ligi penali.

Allura l-mistoqsija issa hija, l-komportament ta` l-imputat, fic-cirkostanzi kollha, minkejja li huwa naqas fid-dmirijiet tieghu, igibu passabbli ghall-azzjoni kriminali skond l-Artikolu 74(1) tal-Kap 254 (kif kien qabel l-emendi li gew wara l-introduzzjoni ta` dan il-kaz fil-Qorti)?

Din l-istess Qorti gia kellha l-opportunita` li tindirizza sitwazzjoni simili hafna ghall-mertu ta` dan il-kaz, anki jekk il-kwistjoni ma kienetx iddur madwar il-kelma “qerq” izda kienet iddur madwar il-kelma “doluz”. (ara sentenza “Il-Pulizija vs Yessus Camilleri” deciza fit-18 ta` Frar 2014).

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, u fil-kuntest ta` dak kollu rizultanti mill-provi fil-kaz in ezami, din il-Qorti hi tal-fehema li l-agir ta` l-imputat Anthony Zammit kien merament rizultat ta` reazzjoni ta` protesta minhabba l-kundizzjonijiet xejn felici li fihom kienu qed jahdmu fiz-zmien in kwistjoni. Huwa veru li l-imputat kien messu ha

azzjonijiet ohra biex iwassal il-messag li ried iwassal, izda dak kollu li rrizulta fil-process ma jirrapprezentax il-qerq rikjest ghas-sejbien tal-htija skond il-ligi penali.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, r-reat hu li persuna ***taġixxi bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-ġurament li ssir skont id-disposizzjoni tal-artikolu 30*****.** Issa, huwa minnu illi fit-3 ta` Jannar 2001, l-imputat ghamel dikjarazzjoni skond l-artikolu tal-ligi msemmi. Izda gara li bl-Att XII ta` l-2010, l-imsemmi Artikolu 30 gie mhassar. Ghalhekk, il-bazi ta` l-azzjoni ghal din l-imputazzjoni kienet spiccat.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib u tiddikjara lil Anthony Zammit mhux hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur